**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 t'Awissu, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**-vs-**

**Walter Zammit, bin Joseph u Josephine nee' Cachia, imwieled tas-Sliema, fil-31 ta' Mejju, 1948, joqgħod 194, flat 1 Tower Road, Sliema, u detentur tal-Karta tal-Identità 499748M**

**Patrick Meli, bin Joseph u Victoria nee' Camenzuli, imwieled tas-Sliema, fis-16 ta' Marzu, 1966, joqgħod Oncote, Triq Palma, Madliena, u detentur tal-Karta tal-Identità 142466M**

Kumpilazzjoni Nru. 981/06

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Walter Zammit u Patrick Meli u ċioè:

Fil-konfront ta' Walter Zammit wahdu-

Talli f'dawn il-gżejjer u cioe` fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2005, u l-31 ta' Jannar, 2006, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda,

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa ta' ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta' Maria Cassar detentriċi tal-karta tal-identità 560924M u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna tal-oġġetti, jew jiġbor depożitu, jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Xjentement għamel użu minn ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (2) u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 169 tal-Liġijietta' Malta;
4. Fl-istess data u lok, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe Pledge Forms li jappartjenu lil Bank of Valletta plc., billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu pew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Fl-istess data u lok, xjentament għamel użu mill-istess att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' <u>Patrick Meli wahdu</u>-

Talli f'dawn il-ġżejjer u ċioe f'Lulju, 2005, u fil-ġranet u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda -

1. b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijeit foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa ta' ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta' Maria Cassar detentriċi tal-karta tal-identità 560924M u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Walter Zammit u Patrick Meli għal hlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-10 ta' Mejju, 2010.[1]

[1] Fol.119

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-Lulju, 2005, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-14 ta' Jannar, 2016.

Illi dan huwa kaz li jirrigwarda allegat frodi u falsifikazzjoni a detriment ta' Maria Cassar, anzjana li kienet rikoverata f'Villa Messina, r-Rabat.

L-ex Spettur Kevin Borg li kien investiga l-kaz, xehed li kienet saret kwerela minn neputi tal-parte leza, Anton Cassar, meta kien instab li kien hemm zewg *pledge forms* fuq kontijiet f'isem zitu mizmuma mal-Bank of Valleta gewwa l-Balluta. Dawn kienu jidhru li gew ffirmati minn zitu u kienu ttiehdu l-bank mill-imputat Meli. Il-pledge kien sar ghall-beneficcju tal-kumpanija Woltz Limited. Cassar kien kellem lil zitu izda din infurmatu li ma kienet taf b'xejn. Borg ukoll kien kellem lil Maria Cassar li kienet lucida hafna meta qaltlu li hi ma kienet iffirmat l-ebda *pledge forms* biex b'rizultat tal-istess jigu bblukkati l-kontijiet taghha. Borg kellem ukoll lil branch manager tal-bank li kien anke nformal lill-pulizija li Cassar kienet, permezz ta' ittra kif ukoll ta' telefonati sussegwenti, cahdet li qatt iffirmat xi *pledge forms*. Borg jikkonferma li kien ha l-istqarrijiet tal-imputati fejn fil-kors tal-istqarrija ta' Zammit kien anke ha *specimen signatures* tieghu.[2] Fuq skorta ta' decizjonijiet ricentemenet enuncjati l-istess stqarrijiet qed jigu skartati.[3]

PS344 Christopher Vella jikkonferma li kien mar mal-ex Spettur Borg f'Villa Messina ikellem lil Maria Cassar li kienet qalet lill-Pulizija li hi qatt ma kienet

[2] Fol.46-50

[3] Il-Pulizija vs Joseph Camilleri, Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Onor Imhallef Dr Edwina Grima; Decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq Eccezzjonijiet Preliminari dwar l-Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech. 02.06.2016.

iffirmat xi *pledge forms* u li l-imputat Meli, li kien ha l-forms il bank, ma kienitx tafu.[4]

Hubert Camilleri, il-*branch manager*, xehed kif bejn Novembru, 2005 u Jannar, 2006, il-bank kien ta facilitajiet ta' LM29,000 lil Woltz Limited (bin-numru ta' registrazzjoni C34187) **fuq kundizzjoni** li jiehdu pledge fuq il-bilanci mal-istess bank, liema pledge kien sar f'isem Maria Cassar. Hu kien ta struzzjonijiet sabiex galadarba Cassar kienet ta' certu eta` din tiffirma fil-prezenza ta' avukat jew nutar li kellhu jispjegalha x'kien qed isir.[5] Jghid li kienu gew prezentati zewg *pledge forms*[6] f'total ta' LM26,000 minn Patrick Meli, direttur tal-kumpanija. Aktar il-quddiem Romwald Attardipprezenta l-*pledge forms* originali.[7]Gara izda li Cassar kienet infurmat lill-bank li ma kienitx taf dwarhom u fil-fatt kitbet lil bank dwar dan il-fatt b'ittra datata il-11 ta' Marzu, 2006.[8]

Camilleri jixhed kif fi Frar, 2006, kien mar il-bank Anton Cassar bi prokura sabiex jirrapprezenta lil Maria Cassar sabiex jigi determinat ghaliex ma setghux issiru w*ithdrawals* mill-kontijiet bankarji ta' zitu. Kien ovvju li Cassar ma kien jaf b'xejn u ghalhekk gie nfurmat Patrick Meli li qal lil Camilleri li kien ser ikellem **lil partner tieghu Zammit** dwar dan ghaliex Maria Cassar kienet tigi zitu. Hubert Camilleri jghid li dakinhar stess Zammit mar kellmu u infurmah li probabilment zitu kienet insiet li iffirmat il-*pledge forms* u li kien ser immur ikellem lil zitu dwar dan**. L-ghada kienet cemplet Maria Cassar lil bank fejn infurmatu li qatt ma semghet bil-kumpaniija Woltz Limited u lanqas b'Patrick Meli. Fuq kollox ziedet li qatt ma ghamlet xi firma fil-presenza tan-nutar Antoine Agius.** [9] Cassar kienet ta sikwiet iccempel lil bank sabiex tara kif kienet giet rizolta s-sitwazzjoni u li kienet hadet interess fil-kwistjoni. Eventwalment il-bilanci gew *settled in full* u ma kienx baqa' lok ghal replacement tal-pledges. Mal-*pledge forms* hemm anness *power of attorney* minn Maria Cassar lil Walter Zammit[10] li gie prezentat anke fl-original.[11]

Anton Cassar xehed li zitu, li kienet romlot u ma kellhiex ulied, riedet li hu jiehu hsieb hwejjigha. Hu kien ilu prokuratur ta' zitu sa mill-1999.[12]Meta dahhlet Villa Messina kull meta kien ikollha bzonn xi flus kien jiehu hsieb jaghmilha *withdrawal* mill-bank skond kif kienet titolbu. Jghid li kien mar ikellem lill-manager tal-BOV fil-Balluta fejn kien gie infurmat li l-kontijiet ta' zitu kienu

[4] Fol.54
[5] Fol.89
[6] HCB1 fol. 92-103
[7] Dok. RAV1-RAV2, fol. 125A
[8] Fol.104
[9] Fol.90
[10] Fol.92
[11] Fol.111- Dok. PCV1
[12] Fol.135

blukkati ghax kienu inhargu garanziji ta' LM20,000 u LM6,000. <u>Kien inghata kopja ta' xi dokumenti fejn deher cjar li l-firma ta' zitu ma kienitx verament taghha</u>. Meta kellem lil zitu dwar dan hi <u>infurmatu li la kienet taf lin-nutar u lanqas ghamlet tali garanziji filwaqt li accertatu li ma kienet iffirmat l-ebda dokument simili</u>.[13]

Cassar jghid li darba minnhom, meta kien hdejn zitu, **dahal Walter Zammit u sema` lil Zammit jghid lil Maria Cassar li l-garanziji kien ghamilhom hu avvolja ma kienx awtorizzat jaghmel dan. Kien accertaha li kien ser itiha flusha fil-qasir zmien u li kien ghalhekk ser jikkomunika mal-bank sabiex l-accounts ta' Maria Cassar jigu *released*.**[14] Dan jaqbel ma dak li xehed Hubert Camilleri li l-kwistjoni kienet giet rizolta u kien tnehha l-*pledge* minn fuq il-kontijiet.[15] Maria Cassar kienet ukoll stqarret ma Anton Cassar li darba minnhom kien mar Walter Zammit fejn kien gieghla tiffirma 'card' u hi bdiet tissuspetta li kien ikkopja il-firma ghal fuq il-garanziji mill-firma fuq il-card.[16]

Anton Cassar jixhed li sussegwentement kien mar il-Head Office tal-Bank of Valletta fejn <u>**fil-prezenza taz-zewg imputati zitu giet rizarcita ghad-danni sofferti** billi gew *released* flusha </u>li kienu precedentement ibblukkati, fl-ammont ta' LM26,000. Illi dan gie anke kkonfermat f'dawn il-proceduri meta fl-udjenza prefissa ghal-4 ta' Settembru, 2007, kien iddikjara li kien gie awtorizzat mill-parte leza sabiex jiddikjara **li l-imputati kienu hallsuha dak dovut minnhom**.[17]

Cassar itemm ix-xhieda tieghu billi jghid li zitu ma kienitx f'posizzjoni li tixhed u dan in vista ta' dikjarazzjoni tal-psikjatra li l-kundizzjoni tad-dementia taghha kienet tipprojbiha milli tixhed.[18] Il-Qorti tinnota li din ix-xhieda nghatat fil-2010 u ghalhekk ferm wara li l-parte leza kienet ikkomunikat mal-pulizija u mal-bank (certament qabel Settembru 2006 meta inhargu l-akkuzi odjerni) fejn gja ntqal li kienet lucida u kienet tiehu interess fil-kaz taghha.[19] Ghalkemm il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-fatt li f'dak iz-zmien l-parte leza kienet *compos mentis,* dak li ntqal minnha lil Camilleri, lil Anton Cassar u lill-ufficjal investigattiv, jammonta biss ghal *hearsay* u ghaldaqstant qed jigi skartat. Mhux l-istess jista' jinghad dwar dak li sehh fil-prezenza tax-xhud Anton Cassar, dak li ra u dak li sema`, li altru` hu ammissibli.

[13] Fol.129
[14] Fol.129
[15] Fol.90
[16] Fol.129
[17] Fol.10
[18] Fol.130
[19] Xhieda Kevin Borg-Fol.47; PS344- Fol.54; Hubert Camilleri- fol.90

Marie Craus il-Matron ta' Villa Messina taghti xhieda ta' rilevanza sinifikattiva li timpingi direttament fuq il-veracita` tad-dokumenti li gew prezentati lil bank. Fil-fatt Craus tixhed li **kien biss Walter Zammit li zar lil Maria Cassar** u dan kien fis-26 t'Ottubru, 2005 u it-2 ta' Novembru, 2005. **Records li n-Nutar Agius, li ismhu jidher fuq l-atti pprezentati lill-bank, zar lill-parte leza ma kienx hemm.**[20] Dan jikkonferma li d-dokumenti li gew prezentati lil bank u li fuqhom hemm il-firma tan-nutar Agius flimkien mad-dikjarazzjoni tieghu bhala xhud tal-firma (fol.92, 95, 96, 102, 103, 111, 125A)[21] **kienu mbabbsa u fabbrikati**. Ma gie ffirmat ebda document fil-presenza tan-nutar f'Villa Messina ghax qatt ma resaq l'hemm l-imsemmi nutar! **Kien biss wara li dawn id-dokumenti, iffirmati skond kif mitlub mill-bank, ittiehdu lura lill-bank li l-kumpanija Woltz Limited** (li fi kliem Meli innifsu, kien partner fiha mal-imputat Zammit[22]) **inghatat il-facilitajiet rikjesti**: *"U tajna facilitajiet totali lil dina l-kumpanija ta' disgha u ghoxrin elf Lira Maltin u dana fuq kundizzjoni li niehdu pledge fuq bilanci mal-bank taghna stess f'isem certa Maria Cassar.....peress li semmejt li kienet mara ta' certu eta` fuq it-80 sena nixtgieq nghid li jien allura tajt struzzjonijiet li jekk din il-mara kienet sejjra tiffirma xi pledge form tali firma ghandha ssir fil-presenza ta' Nutar u Avukat li jispjegalha dak li tkun qeghda taghmel."*[23]Il-provi juru li fil-fatt ma sehh xejn minn dan u l-bank inghata dokumenti foloz sabiex jigi indott joffri l-facilitajiet lill-kumpanija ta' Walter Zammit u Patrick Meli.

Illi dawn il-fatti jassumu rilevanza **inkwantu ghall-mertu.** Id-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.[24] Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

> **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan ittelf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol.XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

---

[20] Fol. 147- DOK. MK1-MK2
[21] Originali tal-istess a fol.111, u 125A
[22] Fol.90
[23] Fol.88-89
[24] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Bartolo et** il-Qorti ghamlet studju approfondit dwar ir-reati previsti bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali: [25]

"Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[26] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[27].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[28]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

---

[25]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza 16 ta' Marzu, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli,

[26] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[27] Op cit pagna 357

[28] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi mill-provi processwali u senjatament minn dak li xehed Anton Cassar fejn sema' lill-imputat Zammit jammetti li kien hu li ffirma l-garanziji ghall-insaputa ta' zitu, il-fatt li n-Nutar Agius (li ma xehedx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu) qatt ma zar lill-parte leza, il-fatt li ma hemmx dubbju li lil bank gew prezentati dokumenti allegatament b'firma tal-parte leza kif ukoll dik tan-nutar li jinghad li kien xhud tal-firma tal-parte leza meta certament ma kienx il-kaz, il-fatt li l-parte leza giet rizarcita mill-imputati hekk kif mweghda mill-imputat fil-presenza ta' Anton Cassar, huma lkoll fatturi li ma jhallu lok ghal ebda dubbju li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha dwar l-ewwel imputazzjoni. Ma jridx jitnesa dak li xehed dwaru Hubert Camilleri li kien insista li minhabba l-eta` avvanzata taghha, sabiex il-*pledge forms* ikunu accettabli ghall-bank kellhom jigu ffirmati quddiem nutar jew avukat u dan wara li jkun accerta ruhu li hi nghatat l-ispjegazzjoni dovuta dwar fhiex kien jissarraf l-ghemil taghha galadraba jigu ffirmati dawk id-dokumenti.[29]

Kien ghalhekk u ghall-ebda raguni ohra li l-bank gie pprezentat b'dokumenti ingannevoli li b'konsegwenza nducew lill-bank jaghti l-facilitajiet mitluba lil Woltz Limited[30] bi hsara tal-parte leza. L-involviment tal-imputat Zammit f'din il-kumpanija baqa evidenti u dan minkejja it-trasferiment tal-ishma lill-imputat Meli, ghaliex ghalkemm kien Meli li ha d-dokumentazzjoni lill-bank, kien l-

[29] Fol.89

[30] Il-M&A esebit a fol.45 bhala AG 11 juri kif l-imputat Zammit kien ittrasferixxa l-ishma tieghu fil-kumpanija li bla dubbju hi msemmija ghalih (Wo[a]lt-Z) lill-imputat Meli, fil-5 ta' Mejju, 2005.

imputat Zammit li mar il-bank u ammetta mal-bank manager Camilleri li *"probabilment iz-zija tieghi kienet insiet li kienet iffirmat il-pledge forms."* [31] Dan wara li Meli stess qal lil Hubert Camilleri li ma kien hadd ghajr *"il-partner tieghu"* Zammit li ghaddielu dawk id-dokumenti.[32]

Illi interessanti hu l-fatt li l-pledge forms gew prezentati lil bank nhar is-27 t'Ottubru, 2005 (fuq il-kont ta' LM20,000) u fis-17 ta' Jannar, 2006.[33] Lanqas ma tista' ma tinghatax id-dovuta konsiderazzjoni ghal fatt li l-power of attorney allegatament moghti mill-parte leza lill-imputat Zammit iggib id-data tal-24 t'Ottubru, 2005, jum qabel ma mar jara lil zitu! Interessanti hu li mill-original ta' dan id-dokument jidher cjar li dan kien gie ippreparat minn qabel ghax fil-fatt il-firem tal-parte leza u dik tal-imputat jidru li gew mizjuda fuq fotokopja meta din kellha gja il-firma tan-nutar fuqha! [34]

Mehud in kunsiderazzjoni l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni abinati mal-gurisprudenza u l-insenjamenti fuq citati, huwa evidenti li l-imputat Walter Zammit hu hati tar-reat kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalkemm l-Qorti tqis li jirrizulta ampjament ir-reat ta' falsifikazzjoni kif ukoll ta' uzu ta' dokument ffalsifikat mill-imputat Zammit, kif gie deciz mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter** (07/12/2001), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Kwindi l-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota."[35] Il-Qorti hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar.

---

[31] Fol.90

[32] Ibid.

[33] Dok. RAV1-RAV2 fol.125A;

[34] Dok. PCV1, fol.111

[35] **App. Krim**. "I-Pulizija vs. Peter Borg **[10.11.2005], "Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim.** "Il-Pulizija vs. omissis u Carmelo Agius**" [24.5.2002],** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et" **[23.11.2001]** "Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et" **[20.3.2003],** "Il-Pulizija vs. Michael Carter**" 7.12.2001] u ohrajn.)** Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet". Vide wkoll "Il-Pulizija vs Joseph Cauchi" **[07.02.2013];** - Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: "Il-Pulizija vs. Joseph Saliba" **[20.10.2010]**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, mhux qed issib htija dwar l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati lilu u qed tilliberah minnhom.

In kwantu ghal piena, il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-fedina penali tal-imputat li ghalkemm mhix ta' xi gravita` xorta tohloq preokkupazzjoni in vista li l-imputat kien instab hati ta' delitti kontra l-fiducja pubblika u kontra' l-propjeta`. Ittiehed ukoll konsiderazzjoni li dawn l-akkuzi jirrisalu ghal 2006; jirrizulta izda, li ghal drabi konsekuttivi kienu l-imputati li naqsu milli jidhru quddiem il-Qorti tant li kellhom jinhargu anke mandati ghall-arrest taghhom. Kien minhabba dan id-dewmien inutli li l-akkuzi setghu biss jinqraw fl-20 t'April 2009 meta ic-citazzjoni giet prezentata kwazi tlett snin qabel f'Settembru, 2006! Sfortunatament dan l-agir legger li bih ittiehdu dawn il-proceduri u senjatament mill-imputat Zammit, pperssista anke sal-ahhar stadji tal-process gudizzjarju fejn din il-Qorti kellha aktar minn darba tiehu mizuri stretti fil-konfront tieghu sabiex tassigura li dan jidher il-Qorti skond kif debitament notifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a)[36] tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Walter Zammit hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tilliberah fuq l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u tikkundannah ghal tlett snin prigunerija.

Illi konsiderati l-atti processwali din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat Patrick Meli li konsegwentement qed jigi liberat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq mankanza totali ta' provi li hu kellhu l-mens rea rekwizita sabiex jissusisti ir-reat ta' frodi addebitat lilu. Ghall-kuntrarju l-provi juru mod iehor.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[36] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin.